# IL-ĦSIEB EWLIENI JEW FINI TA' L-ISTAT

ĦAFNA kienu u għadhom l-iżbalji dwar il-fini ta' l-Istat, iżda l-aqwa fosthom hu dak li jżomm u jagħmel l-Istat l-aħħar fini tal-bniedem. Il-qawwa kbira li biha ħafna riedu jiċħdu u jxejnu s-setgħa u l-jedd ta' kull bniedem, ġagħlithom jagħarfu biss is-setgħa u l-jedd tan-Nazzjon jew ta' l-Istat. Mela l-bniedem, skond il-fehma ta' dawn il-ħafna, mhux ħlief biċċa għodda ħajja f'idejn l-Istat u dan hu l-imgħallem li jħaddem din il-għodda kif irid hu għax hu kollox.

Iżda ma tridx wisq biex tintebaħ bil-kobor ta' kruha ta' dan it-tagħlim għax jekk kull biċċa minn ġisem il-bniedem ma tistax tgħix u taħdem meta hi mifruda mill-bqija tal-ġisem, il-bniedem igħix u jaħdem għalih innifsu, ukoll meta hu mifrud mill-Istat. Kull bniedem għandu għalih innifsu l-persuna tiegħu, in-natura tiegħu, il-ħajja u l-għaqda tiegħu nnifsu u minn l-Istat ma għandu xejn ħlief biss il-ħarsien biex ikun jista' jtejjeb dejjem ħajtu fuq din l-art. Dan hu, mela, il-ħsieb ewlieni ta' l-Istat jiġifieri li jagħmel il-ġid lil dawk li jgħaqqduh f'ħaġa waħda, u għalhekk il-Papa Piju XI, fil-20 ta' Diċembru, 1926, maqdar kemm felaħ it-tagħlim mhux Nisrani, li jżomm il-bniedem bħala biċċa għodda u l-Istat bħala tmiem jew fini, u l-Papa Piju XII fit-taħdita

li għamel nhar il-Milied li għadda (1945) qal li dan ix-xorta ta' Stat, fl-imgħoddi, "ħammar id-dinja bid-demm, ħassar il-għaqda bejn il-ġnus u kien ta' theddida bla ma taqta' ta' gwerra."

L-Istat għandu jfittex żewġ ħwejjeġ: il-ħajja kwieta bejn dawk li jgħaqqduh f'wieħed u l-ħidma fejjieda ta' bejniethom li mingħajrha l-Istat ma jistax igħaddi 'l quddiem. Fi kliem ieħor l-Istat għandu jtejjeb dejjem aktar il-qagħda tal-bnedmin f'din l-art, u dan hu li jgħażlu mill-Knisja li l-aqwa biċċa xogħol tagħha hi, li ttejjeb dejjem aktar u tqaddes ir-ruħ ta' l-insara. U meta ngħidu "l-qagħda tal-bnedmin" nifhmu l-beltin f'daqqa u mhux biss ta' dak jew ta' l-ieħor, għax l-Istat hu magħmul minn żewġ bċejjeċ li, għalkemm il-waħda m'hix l-oħra, ma jistgħux jinfirdu minn xulxin: il-bniedem wieħed wieħed u l-bnedmin kollha f'daqqa. Il-ġid li jmiss lil kulħadd f'daqqa jew Komuni jsir billi ttejjeb dejjem aktar il-ħajja, il-qawwa, il-għaqda u t-tkattir tal-beltin u mhux billi tgħakkes u teqred il-ġenerazzjoni tal-lum għal dawk li jiġu wara. B'daqshekk m'aħniex ingħidu li l-Istat, xi drabi, ma jistax jitlob sagrifiċċji kbar minn għand dawk li jagħmlu sehem minnu, bħalma rajna ma' tul il-gwerra, iżda dawn issagrifiċċji għandhom isiru darba fit-tant, meta jkun tabilħaqq meħtieġ, u, fl-istess waqt, meqjusin. Jekk isiru ta' sikwit u bla ebda qies, il-bniedem ma jibqagħlux għal fejn igħix iktar f'din l-art u bil-jedd kollu jibda jixtieq il-ħajja tas-slavaġ.

Il-ġid komuni, imbagħad għandu jsir skond ma jixraq lillbniedem, jiġifieri skond ma titlob in-natura tal-bniedem, għax l-ewwel din, imbagħad l-Istat; għalhekk ukoll dan il-ġid m'għandux jiġi maħnuq u fgat ġewwa l-ixkora tan-Nazzjon, iżda għandu jgħaddi t-trufijiet ta' l-art u l-baħar ukoll u jinxtered fil-għalqa li tmiss il-moħħ, il-qalb u s-sengħa skond ma jixraq lin-Nazzjon. Fl-aħħarnett, dan il-ġid għandu jkun taħt il-ġid l-ieħor tar-ruħ li ma jintemm qatt. Għalhekk l-Istat hu fid-dmir li jħalli 'l-Knisja ħielsa fid-dmirijiet tagħha għax il-ħsieb ewlieni tagħha hu li tqaddes u ssalva l-erwieħ.

Mela, fil-qosor, l-Istat u l-bniedem huma magħmulin wieħed għal l-ieħor u t-tnejn għandhom id-dmir li jgħinu wieħed lil l-ieħor; iżda l-bniedem mhux maħluq kollu kemm hu għall-Istat, imma biċċa minnu biss, u jekk ikun meħtieġ, il-bniedem għandu jagħti ħajtu wkoll għall-Istat, imma ruħu qatt, għax din hi kollha kemm hi t'Alla. Min-naħa l-oħra l-Istat hu kollu kemm hu magħmul għall-bniedem u għalhekk għandu jaqdih dejjem skond ma

titlob in-natura ta' bniedem. Mela s-setgħa ta' l-Istat ma tistax tkun bla qies għax il-bniedem għandu d-drittijiet tiegħu naturali li ebda setgħa ta' l-Istat ma tista' għalihom. Dan, minn dejjem, kien it-tagħlim nisrani bħalma jidher minn kliem San Pawl meta qal: *Non est potestate nisi a Deo* — m'hemmx setgħa li mhix ġejja mn'Alla.

Iżda, sabiex l-Istat ikun jista' jirkeb u jxejjen id-drittijiet naturali tal-bniedem, jirraġuna hekk u jgħid li kull dritt mingħajr is-setgħa li ġġiegħel mhix dritt, u ġaladarba llum l-Istat biss jista' jħares id-drittijiet bis-setgħa tiegħu, jiġri li barra mill-Istat ma hemmx drittijiet oħra.

Imma li kull dritt jista' jkollu s-setgħa li ġġiegħel meta jkun meħtieġ, ħadd mill-insara ma jiċħdu; iżda li din is-setgħa hi biċċa mid-dritt innifsu u li mingħajrha ma jistax joqgħod, mhux minnu. Ara kemm hu hekk, id-dritt mhux ħag'oħra ħlief is-setgħa morali li wieħed għandu għal xi ħaġa jew li jagħmel xi ħaġa, fil-waqt, skond it-tagħlim li semmejna fuq, din is-setgħa morali tiġi mibdula f'qawwa ta' l-idejn, tal-ġisem, tal-bhejjem, u hekk dawk id-drittijiet li sa minn dejjem il-bnedmin kienu jħarsu lejhom bħala ħaġa qaddisa u li ħadd ma jista' jiksirhom ma jibqgħux drittijiet aktar jekk ma jkunx hemm il-qawwa ta' l-idejn u ta' l-armi. U mbagħad jekk is-setgħa li ġġiegħel hi ħaġa waħda mad-dritt, għalfejn noqogħdu nitkellmu u nsemmu "drittijiet miksura, imxejna" u x'naf jien?! U d-dritt li wieħed għandu li ma jkunx miżmum bi bniedem ħażin bla ma turi l-ħażen tiegħu, ma jiġix fix-xejn ukoll u bla ebda ħtieġa? U jekk qabel is-setgħa ta' l-Istat ma kienx hemm setgħa oħra bil-bosta aqwa minnha, x'jiswa l-Istat fih innifsu, meta dan kull x'ħin u kif irid hu, ikun jista' jonqos mid-drittijiet tiegħu?

Mela, skond t-tagħlim nisrani, l-Istat ma jistax joħloq id-drittijiet ta' ħaddieħor, iżda biss jagħrafhom, iċarahom iħadd'mhom u jiddefendihom u, jekk jeħtieġ, bil-qawwa tal-ġisem ukoll. Il-għajn waħdanija li minnha joħorġu d-drittijiet hi l-liġi eterna li minnha ħareġ il-Kodiċi naturali qabel ma l-bnedmin ħarġu l-Kodiċijiet tagħhom. Id-drittijiet tal-bniedem ma tweldux ma' l-Istat, iżda mal-bniedem innifsu. Jekk aħna nxejnu u neqirdu d-drittijiet tan-natura, nistgħu nqattgħu u naħarqu mhux biss il-Kodiċijiet internazzjonali, imma wkoll dak tan-nazzjonijiet kollha għax ma jibqa' fih ebda ġmiel jew siwi.

P. Pawl Tabone, o.f.m.